# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Lulju 2020.**

**Rikors Maħluf Numru 81/2011/2**
**Numru 23**

**Carmelo Gauci, Anthony Gauci, Alfred Gauci u Victor Gauci**

***v.***

**Carmel u Sylvia konjuġi Grima; Mario Borg f'ismu proprju u eżerċenti l-kummerċ bħala *Regent Group*, u kif ukoll f'isem is-soċjetà kummerċjali *M & R Holdings Limited* (C-30612) li ssejħet fil-kawża b'dikriet tat-22 ta' Ġunju 2011; Salvu Grech; Isaac Grima u Bertu Grima f'isimhom proprju u f'isem il-kumpannija *B. Grima & Sons Ltd* (C-34602); Jimmy Vassallo; Paul Abdilla**

1. Dawn huma erba' appelli – wieħed tal-konvenuti konjuġi Grima, ieħor tal-konvenut Mario Borg kemm f'ismu proprju bħala *Regent Group* kif ukoll f'isem il-kumpannija *M&R Holdings Limited*; ieħor tal-konvenut Salvatore Grech u l-aħħar wieħed tal-konvenuti Isaac Grima, Bartolomeo Grima u *B. Grima & Sons Limited* – minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 t'Ottubru 2017 li sabet li wħud mill-konvenuti wettqu spoll tad-drittijiet tal-atturi u għalhekk ordnathom sabiex fi żmien xahrejn mis-sentenza jreġġgħu lura l-affarijiet kif kienu qabel ma seħħ l-ispoll.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn: l-atturi jgħidu li ilhom fil-pussess ta' biċċa art f'San Pawl il-Baħar għal żmien twil. Itennu li huma regolarment jagħmlu atti ta' pussess fuq din l-art, tant li anke jikkultivawha u ħadu s-sussidju fuqha. Iżidu jgħidu li dan il-pussess minn dejjem kien manifest, pubbliku u bl-ebda mod interrott.

3. Igħidu illi għall-ħabta tal-15 ta' Jannar 2011 il-konvenuti jew uħud minnhom bi ksur tal-liġi daħlu f'din l-art u huma jew persuni mqabbda minnhom bdew iħammluha u llum saħansitra niżlu sal-blat.

4. Billi dehrilhom illi dak li għamlu l-konvenuti jew uħud minnhom huwa spoll, l-atturi fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti, wara li tgħid li dak li għamlu l-konvenuti jew uħud minnhom hu att ta' spoll, tikkundannhom sabiex, fi żmien qasir u taħt id-direzzjoni ta' periti li jinħatru għalhekk, jagħmlu dak li hu meħtieġ biex ireġġgħu kollox kif kien qabel u, jekk jonqosu, tagħti lill-atturi s-setgħa jagħmlu dak li hu meħtieġ, bi flus il-konvenuti.

5. Il-konvenuti konjuġi Grima wieġbu li huma ma wettqu ebda spoll u li, f'kull każ, l-atturi għandhom jagħmlu prova tal-elementi kollha tal-ispoll.

6. Il-konvenuti Isaac Grima, Bartolomeo Grima u *B. Grima and Sons Limited* ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

> »1. illi, in linea preliminari, il-kawża kif impostata fil-konfront tal-esponenti hija improponibbli u ma tistax tirnexxi. Dan peress li fir-rikors ġuramentat tagħhom ir-rikorrenti jsostnu li l-esponenti kkommettew spoll privileġġjat fil-konfront tagħhom fuq l-art kollha tal-kejl ta' ċirca 850m$^2$ mertu ta' din il-kawża, mentri r-rikorrenti jafu li kwalsiasi interess li għandhom l-esponenti fuq l-art in kwistjoni tikkonċerna biss żewġ *plots* ferm iżgħar, u li parti minnhom biss tifforma parti mill-art mertu ta' din il-kawża. Dawn il-*plots* ġew akkwistati mill-kumpannija *B. Grima and Sons Limited* (C 34602) biss mingħand diversi vendituri, fosthom l-intimati l-oħra Carmelo u Salvina Grima, permezz ta' att tat-30 ta' Novembru 2010 ippubblikat min-Nutar Reuben Debono;
>
> »2. illi, subordinatament, u dejjem in linea preliminari, għar-raġunijiet fuq premessi, it-talbiet tar-rikorrenti, in kwantu jikkonċernaw l-art kollha tal-kejl ta' ċirca 850m$^2$, ma jistgħux jintlaqgħu fil-konfront tal-esponenti;
>
> »3. illi bla ħsara għas-suespost, u dejjem in linea preliminari, l-esponenti Isaac Grima għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju peress li l-involviment tiegħu fir-rigward tal-art mertu ta' din il-kawża dejjem kien in rappreżentanza tal-kumpannija *B. Grima and Sons Limited* ta' liema huwa direttur, rappreżentant u azzjonista, u dan kif ser jirriżulta mill-provi li ser jinġiebu waqt is-smiegħ ta' din il-kawża;
>
> »4. illi bla ħsara għas-suespost, u dejjem in linea preliminari, l-esponenti Bartolomeo Grima għandu jiġi wkoll liberat mill-osservanza tal-ġudizzju peress li l-unika konnessjoni u interess li għandu fir-rigward tal-art mertu ta' din il-kawża huwa biss bħala azzjonista (u mhux direttur jew rappreżentant) tal-kumpannija *B. Grima and Sons Limited*, u dan kif ser jirriżulta mill-provi li ser jinġiebu waqt is-smiegħ ta' din il-kawża;
>
> »5. illi bla ħsara għas-suespost, fuq il-mertu, mill-provi li ser jinġiebu waqt is-smigħ ta' din il-kawża ser jirriżulta li ma jeżistux ir-rekwiżiti meħtieġa sabiex tirnexxi azzjoni ta' spoll;
>
> »6. illi bla ħsara għas-suespost, fi kwalunkwe każ, mill-provi li ser jinġiebu waqt is-smigħ ta' dan il-kawża ser jirriżulta li l-esponenti ma kkommettew ebda spoll fil-konfront tar-rikorrenti;

7. Il-konvenut Salvatore Grech ressaq l-istess eċċezzjonijiet miġjuba fil-paragrafu ta' qabel dan ħlief għal dawk bin-numru tlieta (3) u erbgħa (4).

8. Il-konvenut Mario Borg wieġeb li hu ma wettaq ebda spoll.

9. Il-konvenuti Jimmy Vassallo u Paul Abdilla ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

> »1. illi, in linea preliminari, l-esponenti mhumiex il-leġittimi kuntradittturi *stante* illi huma aġixxew, taħt l-inkarigu espress mogħti minn uħud mill-konvenuti, bħala kuntratturi sabiex jesegwixxu xi xogħlijiet f'parti żgħira mill-art mertu tal-kawża u għaldaqstant l-esponenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;
>
> »2. illi, *inoltre*, l-improponibbiltà tat-talbiet attriċi fil-konfront tal-esponenti *stante* illi, inkwantu kuntratturi li m'għandhomx interess dirett, huma ma jistgħu qatt jiġu kkundannati għal xi forma ta' ripristinu;
>
> »3. illi, *di più* u kif ukoll in linea preliminari, iżda mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-improponibbiltà tat-talbiet attriċi *stante* illi l-esponenti ġew imqabbda jagħmlu xogħlijiet fuq parti żgħira mill-art mertu tal-kawża u mhux fuq l-art ta' *circa* 850m2 kif qed jiġi allegat fir-rikors ġuramentat promotur;
>
> »4. illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma jissussistux l-elementi meħtieġa fil-liġi sabiex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll intentata mill-atturi;
>
> »5. Illi fil-mertu wkoll, l-esponenti ma wettqu l-ebda spoll fil-konfront tal-atturi.«

10. Is-soċjetà *M & R Holdings Limited* wieġbet li hi ma wettqet ebda spoll.

11. B'sentenza tas-27 ta' Mejju 2015 l-ewwel qorti ħelset lill-konvenuti kollha mill-ħarsien tal-ġudizzju billi sabet li l-kawża ma kinitx infetħet fi żmien xahrejn minn meta seħħ l-allegat spoll.

12. L-atturi appellaw u b'sentenza tad-29 ta' April 2016 din il-qorti laqgħet l-appell tal-atturi, qalet li l-kawża nfetħet fiż-żmien li tagħti l-liġi u għalhekk ħassret is-sentenza appellata u ordnat li l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ.

13. Fis-sentenza tas-27 t'Ottubru 2017 li minnha sar dan l-appell, l-ewwel qorti mbagħad iddeċidiet hekk:

> »… … … tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Vassallo u Abdilla u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż tagħhom jitħallsu mill-atturi.
>
> »Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti l-oħra u tilqa' t-talbiet attriċi fil-konfront tagħhom. Għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' xahrejn. Il-qorti tinnomina lill-A.I.C. Valerio Schembri biex jissorvelja x-xogħlijiet.
>
> »L-ispejjeż rimanenti jkunu a kariku tal-konvenuti l-oħra.«

14. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Ikkunsidrat:
>
> »illi kif jidher ċar miċ-ċitazzjoni din hija kawża ta' spoll. L-atturi qed isostnu illi l-konvenuti kkommettew dan l-ispoll meta daħlu fil-proprjetà posseduta minnhom u bdew iħammluha. Kif hu magħruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi … … …
>
> »… … …
>
> »Illi l-atturi jsostnu li huma minn dejjem kienu jaħdmu l-art in kwistjoni u li ħadd ma kellimhom fuqha sakemm kien kellimhom il-konvenut Grima. Kompla jgħid li mbagħad sab lil Vassallo u Abdilla jħammlu l-art u dawn qalulu li kienu tqabbdu minn Carmelo Grima u Mario Borg. L-atturi l-oħra kkonfermaw li huma kien ilhom jaħdmu l-art għal ħafna snin u kkonferma dan ix-xhud Joseph Farrugia u anke Felic Said.
>
> »Illi f'dan il-każ għalkemm huwa minnu li, kif sostnew uħud mill-konvenuti, l-atturi filli jgħidu li huma proprjetarji u filli li huma pussessuri, jidher li kellhom aċċess għall-proprjetà in kwistjoni u kienu b'xi mod jagħmlu użu minnha. … … … [L]-atturi kienu għall-inqas ko-possessuri tal-kmamar in kwistjoni u … l-konvenuti għax jidhrilhom li huma l-proprjetarji qabdu u daħlu fiha u għamlu x-xogħlijiet indikati. Dan ma japplikax għall-konvenuti Vassallo u Abdilla għaliex dawn kienu ġew inkarigati jagħmlu x-xogħlijiet mill-konvenuti l-oħra u għal-hekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.«

15. Il-konvenuti konjuġi Grima appellaw fit-13 ta' Novembru 2017 u għal dan l-appell l-atturi wieġbu fis-7 ta' Diċembru 2017. Il-konvenut Mario Borg f'ismu proprju bħala *Regent Group* kif ukoll f'isem il-kumpannija *M&R Holdings Limited* appella fit-13 ta' Novembru 2017

u l-atturi wieġbu fis-7 ta' Diċembru 2017. Il-konvenut Salvatore Grech appella fis-16 ta' Novembru 2017 u l-atturi wieġbu fis-7 ta' Diċembru 2017. Il-konvenuti Isaac Grima, Bartolomeo Grima u *B. Grima & Sons Limited* appellaw fis-16 ta' Novembru 2017 u l-atturi wieġbu fis-7 ta' Diċembru 2017.

16. Il-konvenuti appellanti lkoll ressqu aggravju li bih igħidu illi jonqos l-element ta' pussess għax ix-xiehda turi illi l-art li dwarha saret il-kawża kienet mitluqa u abbandunata u għalhekk, fuq il-provi, l-ewwel qorti ma setgħet qatt tasal għall-konklużjoni li l-atturi kienu fil-pussess tal-art.

17. Il-kwistjoni ewlenija hi jekk, meta seħħew il-fatti li l-atturi jgħidu li bihom twettaq spoll tad-drittijiet tagħhom, kellhomx l-istess atturi pussess materjali tal-art. Jekk din il-prova, li tmiss lill-atturi, ma saritx, mela l-azzjoni ma tistax tirnexxi.

18. Wara li qieset ix-xiehda kollha fil-proċess, din il-qorti, bħall-ewwel qorti, temmen illi l-atturi tassew kellhom pussess materjali tal-art meta seħħew il-fatti li dwarhom saret il-kawża. Fost il-fatturi li wasslu lil din il-qorti biex taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel qorti jistgħu jissemmew dawn:

    i. Ix-xiehda tal-atturi u dik tax-xhieda mressqa minnhom hija konsistenti. L-atturi dejjem ikkonfermaw illi l-art ilha f'idejhom minn wara li miet missierhom (li wkoll kien jaħdem l-art meta kien għadu ħaj).

ii. Fix-xiehda tiegħu mogħtija fis-16 ta’ Jannar 2012 kien il-konvenut appellant Carmel Grima stess li stqarr li meta bigħ l-art ix-xerrejja kienu jafu li kien hemm bdiewa li kellhom pretensjonijiet fuqha. Fix-xiedha tiegħu hu qal hekk:

> »Mistoqsija: Inti għal li jista’ jkun lil min bigħejt għidtilhom li hemm dawn il-gabillotti għandhom dawn il-pretensjonijiet?
>
> »Xhud: Kollox jafu.
>
> »Kontro-eżami
>
> »Mistoqsija: Kollox jafu xiex?
>
> »Xhud: Mario Borg.
>
> »Qorti: Lil min bigħejt għidtlu li ...
>
> »Xhud: Kollox jafu, mhux jien għidtlu, marru jkellmuh huma għandu jkun.«[1]

iii. Meta tressaq għall-kontro-eżami l-konvenut appellant Carmel Grima wkoll stqarr illi l-atturi kienu żergħu ħamsin pjanta fuq l-art u li kien offrielhom somma flus biex “jagħalqu ħalqhom”. Fis-seduta quddiem l-ewwel qorti tas-7 ta’ Mejju 2014 hu qal hekk:

> »Xhud: Le, le għax minn għalqa kbira daqshekk, fejn marru żergħu 50 pjanta, 50 pjanta, bħal meta fir-*roundabouts* tara vojta llum u għada taraha bil-fjuri, eżatti fejn huma l-għada Jimmy Vella sejjer bil-gaffa.
>
> »Mistoqsija: Jiġifieri inti taqbel li huma marru jiżirgħu f’din l-għalqa.
>
> »Xhud: Wittew biċċa għalqa daqs hawnhekk minn din l-għalqa kollha fiha nofs tommna, l-oħra kollha ħaxix u ġebel, wittewa u terġa’ terrapien mhux ħamrija, u qed fil-muntanja ma jistgħux jgħixu dawn il-50 pjanta għax qegħdin bla ilma u l-għada Jimmy jew ta’ Grima ...
>
> »...
>
> »Xhud: Ma nafx għalfejn daħlu fiha din, offrejtielhom il-flus biex jagħalqu ħalqhom u ma naqilgħux inkwiet. Flus nofs miljun euro riedu.«[2]

---

1 *Fol.* 165 *et seq*.

2 *Fol.* 414.

iv. Il-konvenut Saviour Grech ukoll ammetta li l-art kienet tinħadem mill-atturi. Fix-xiehda tiegħu mogħtija fil-11 ta' Jannar 2013 hu qal hekk:

> »Mistoqsija: ... It-3 u l-4 kienu għadhom mhux imħaffrin tiegħek u l-oħrajn lanqas ma kienu għadhom imħaffrin hux hekk? Ta' *B. Grima and Sons* ma kinux imħaffrin lanqas.
>
> »Xhud: Lanqas.
>
> »Mistoqsija: Kif kienet l-għalqa?
>
> »Xhud: Terrappien u biċċa fuq wara kien hemm il-ħamrija.
>
> »Mistoqsija: Jiġifieri meta qed tgħid ħamrija qed tgħid ħaxix ħażin?
>
> »Xhud: Kien hemm il-qamħ. Il-qamħ ikun ħaxix baxx ikun għadu żgħir għax l-art mhiex għammiela hemmhekk għax ħamrija, imma kien hemm xi ħaġa ħa nifthiemu qaluli qamħ imma jiena ma tantx nifhem, x'qaluli l-bdiewa ma tantx nifhem hux qamħ jew ħaxix. Lili qaluli qamħ u għidt mela qamħ.
>
> »… … …
>
> »Mistoqsija: L-għalqa ta' quddiem dak il-bini jiġifieri bejn il-permess u l-bini hija l-għalqa in kwistjoni? L-għalqa li intom ħammiltu.
>
> »Xhud: Iva.
>
> »Mistoqsija: U dak il-ħaxix li qed tara inti?
>
> »Xhud: Dal-ħaxix.
>
> » Mistoqsija: Dak hu l-ħaxix.
>
> »Xhud: Parti minnha fuq wara kien differenti l-ħaxix qisu u quddiem kif inhu u wara kien qisu ħaxix maħdum, qamħ jew xi ħaġa.«[3]

v. Il-konvenuti Paul Abdilla u Jimmy Vassallo – li kienu għamlu x-xogħlijiet ta' tħaffir fuq l-art – ukoll ikkonfermaw li qabel ma bdew dawn ix-xogħlijiet raw illi fuq l-aħħar żewġ *plots* hemm il-qamħ fuq parti minnhom. Fix-xiehda tiegħu mogħtija in kontro-eżami l-konvenut Paul Abdilla qal hekk:

> »Mistoqsija: Ara ngħidlekx sew qabel dħaltu qabel ma għamiltu x-xogħlijiet qabel kontu ħa tibdew l-għalqa kienet miżrugħa bil-

3 *Fol.* 316.

qamħ u intom qlajtu l-qamħ, forsi biex taħdmu intom qlajtu l-qamħ?

»Xhud: Jien bidwi għax jien *full time farmer* u l-qamħ ma kellux xi qamħ ta' xi klassi, kien hemm biċċa żdingata bit-tina.

» Mistoqsija: Mela jiena qed ngħidlek sew issa qamħ tajjeb jew le kien hemm il-qamħ miżrugħ fl-għalqa qed naqblu?

»Xhud: Imma aħna biċċa żgħira.

» Mistoqsija: Iva jew le?

»Xhud: Iva kien hemm miżrugħ.

»Qorti: Kien hemm biċċa żgħira miżrugħa.

»Xhud: Iva kien hemm biċċa żgħira miżrugħa għax kien hemm it-tina u kien hemm il-ġebel mixħut bl-addoċċ u naqra żgħira.

»Qorti: Issa dan meta tgħid naqra żgħira kemm naqra żgħira?

»Xhud: X'ħin nippakkjawh, għax aħna bil-ballal, x'ħin nippakk-jaw mhux xi balla tonda ta qed insemmielek, forsi kien hemm balla u nofs, jiġifieri ma kienx hemm xi …

»… … …

» Mistoqsija: Bħala bidwi forsi jkollok naqra idea bejn wieħed u ieħor, qed tgħid inti kont taħdem ta' bidwi, jekk ngħidlek li kien hemm *circa* 316 metru qamħ?

»Xhud: Bil-metri tgħidlix, bit-tmien ngħidlek eżatt u bil-kejliet ngħidlek eżatt għax ngħidlek li ma kienx hemm iktar minn kejla raba'.«[4]

vi. L-istess konvenut ikkonferma wkoll li meta hu u l-konvenut l-ieħor Jimmy Vassallo bdew iħammlu l-aħħar żewġ *plots* l-atturi mal-ewwel qalulhom biex jieqfu peress li kienu deħlin fuq l-art tagħhom.[5]

vii. Il-konvenut Jimmy Vassallo wkoll ikkonferma dak li xehed il-konvenut l-ieħor Paul Abdilla.[6]

viii. Fix-xiehda tiegħu mogħtija in kontro-eżami fil-5 ta' Novembru 2014 il-konvenut Mario Borg ikkonferma li l-għalqa fuq in-naħa t'isfel (dik murija fuq dok. X, *fol*. 419) hija l-istess għalqa murija

4 *Foll.* 424 *et seq*.

5 *Fol.* 422.

6 *Fo.l* 426.

f'*fol.* 198 tal-proċess u li dawn ir-ritratti huma kollha ritratti tal-istess għalqa minn angoli differenti.[7] Minn dan ir-ritratt li jinsab fuq in-naħa t'isfel ta' dok X jidher li l-għalqa kienet tinħadem u ma kinitx mitluqa u b'terrapien u ħaxix ħażin kif jallegaw uħud mill-konvenuti appellanti.

19. Għalkemm huwa minnu dak li jsostnu l-konvenuti appellanti, *viz.* li kienu nħarġu żewġ permessi mill-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar fuq is-sit in kwistjoni – wieħed f'Novembru 2010[8] u l-ieħor f'Ġunju 2010[9] – u ħadd mill-atturi ma kien ressaq oġġezzjoni qabel ma nħarġu dawn il-permessi, dan ma jfissirx illi l-atturi ma kellhomx il-pussess tal-art. Iż-żmien li ngħata lill-pubbliku sabiex joġġezzjona għal dan l-iżvilupp kien ta' għoxrin ġurnata. Issa l-attur Carmelo Gauci xehed illi biex tkabbar il-qamħ m'hemmx għalfejn tmur kuljum; anzi jgħid li biżżejjed tmur darba kull sitt xhur.[10] Għalhekk jista' jkun il-każ li f'dak il-perjodu ta' għoxrin ġurnata f'Jannar u Frar tas-sena 2010 u f'Awissu u Settembru tas-sena 2010 l-atturi ma resqux lejn l-art għaliex ma kellhomx għalfejn jersqu 'l hemmhekk. Barra minn hekk, li hu relevanti għall-għanijiet tal-kawża huwa jekk l-atturi kellhomx il-pussess tal-art fil-mument meta seħħ l-allegat spoll *i.e.* f'Jannar tas-sena 2011. Għalkemm il-kwistjoni jekk l-atturi kinux qegħdin jaħdmu l-art fil-bidu tas-sena 2010 u f'Awissu u Settembru tal-istess sena tista' jkollha relevanza, ta' rilevanza akbar huwa l-fatt

---

7 *Fol.* 435.

8 *Fol.* 341.

9 *Fol.* 368.

10 *Fol.* 50.

li fil-15 ta' Jannar tas-sena 2011, malli ntebħu li wħud mill-konvenuti kienu sejrin jibdew xi xogħlijiet fuq l-art li jgħidu li hija tagħhom, l-istess atturi għamlu rapport mal-pulizija dakinhar stess sabiex iżommuhom milli jkomplu x-xogħlijiet.[11] Dan, fih innifsu, jkompli jikkonvinċi lil din il-qorti illi l-atturi tassew kellhom pussess tal-art.

20. Argument ieħor tal-konvenuti appellanti huwa li meta mar is-*surveyor* Martin Tabone fis-7 ta' Lulju 2009 biex jagħmel *survey* tal-art ma kellu ebda xkiel jew oġġezzjoni meta kien hemm. Dan iżda ma jfissirx illi l-atturi ma kellhomx il-pussess tal-art, għax, kif ingħad aktar 'il fuq, huma ma kellhomx għalfejn jaħdmu l-art kuljum, u biex iżżomm pussess ta' art ma huwiex meħtieġ li tagħmel att ta' pussess kuljum.

21. Il-qorti ma tistax ma tosservax ukoll l-inkonsistenzi fix-xiehda tal-konvenuti dwar meta tqiegħdu posti[12], li, billi dawn huma imsiemer irqaq ġol-ħaxix[13], mhix ħaġa kbira li l-atturi ma ntebħux bihom.

22. Għaldaqstant, u fid-dawl ta' dan kollu, din il-qorti hija tal-fehma illi l-ewwel qorti waslet għal konklużjoni ġusta meta sabet illi l-atturi kellhom il-pussess materjali tal-art li dwarha saret il-kawża fiż-żmien relevanti. L-aggravji relativi tal-konvenuti huma għalhekk miċħuda.

23. It-tieni aggravju tal-konvenuti jolqot element ieħor meħtieġ biex tirnexxi l-azzjoni, *viz.* illi l-atturi ġarrbu spoll. Uħud mill-konvenuti

---

11 *Foll.* 114 *et seqq*.

12 Ara partikolarment *foll*. 187, 189, 313, 314, 323, u 693.

13 *Fol.* 314.

appellanti jżidu jgħidu li, għalkemm seta' kien hemm spoll, dan ma sarx minnhom iżda minn konvenuti oħra.

24. Din il-qorti, bħall ewwel qorti, ma għandha l-ebda dubju li x-xiehda turi inekwivokabilment illi sar spoll u molestja tal-pussess tal-atturi, u li dan sar bil-moħbi jew għall-inqas kontra r-rieda tal-atturi. Ma hemmx dubju li seħħ spoll; il-kwistjoni hija biss min wettaq dan l-ispoll, u fuq ordni ta' min sar, u għalhekk min għandu jwieġeb għall-ispoll.

25. Dwar dan, il-qorti taqbel ukoll mal-ewwel qorti illi x-xiehda turi ċar li l-konvenut Jimmy Vassallo u l-konvenut l-ieħor Paul Abdilla rċevew struzzjonijiet sabiex jagħmlu x-xogħlijiet li bihom twettaq l-ispoll mingħand il-konvenuti appellanti Isaac Grima u Bertu Grima, kemm f'isem il-kumpanija *B. Grima & Sons Limited* u kemm f'isimhom stess – għax huma persuni fiżiċi li jagħtu ordnijiet ukoll jekk isiru f'isem korp morali – kif ukoll mingħand il-konvenut appellant l-ieħor Salvu Grech.[14]

26. Ukoll, għalkemm huwa fatt inkontestat illi f'Novembru tas-sena 2010 il-konvenut appellant Mario Borg kien ċeda u ttrasferixxa kull interess li seta' kellu fuq il-proprjetà favur terzi, din il-qorti xorta temmen illi baqa' involut fil-proġett dwar l-art. Ix-xiehda turi li Mario Borg x'aktarx kien qiegħed jieħu d-deċiżjonijiet dwar il-proġett fuq l-

[14] Ara *foll.* 114 sa 116, 123, 142, 144, 146, 330, 331, 420, u 423.

art u dik ta' madwarha flimkien ma' konvenuti oħra u li kien l-istess Mario Borg li ta struzzjonijiet sabiex ix-xogħlijiet jitkomplew.[15]

27. Fejn din il-qorti ma taqbilx mal-ewwel qorti huwa meta l-ewwel qorti sabet illi l-konvenuti appellanti konjuġi Grima wkoll iwieġbu għax-xogħlijiet li saru fuq l-art. Ix-xiehda turi illi l-konvenuti Jimmy Vassallo u Paul Abdilla rċevew struzzjonijiet mingħand il-konvenuti imsemmijin fil-paragrafi ta' qabel dan, u li fl-ebda ħin ma rċievew struzzjonijiet mingħand il-konvenuti appellanti konjuġi Grima.[16]

28. Għaldaqstant, u għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, din il-qorti tiddisponi mill-appelli billi tirriforma s-sentenza appellata:

    i. tħassarha fejn sabet li l-konvenuti konjuġi Grima wkoll għandhom iwieġbu għall-ispoll, u tgħid, minflok, li dawn il-konvenuti ma wettqu l-ebda spoll u għalhekk tiċħad it-talbiet safejn magħmula kontra tagħhom, u

    ii. tikkonferma s-sentenza fil-bqija.

29. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif deċiżi mill-ewwel qorti ħlief illi l-ispejjeż tal-konvenuti konjuġi Grima jħallsuhom l-atturi; l-ispejjeż tal-appell, ħlief dawk tal-konvenuti Grima, iħallsuhom il-konvenuti appellanti f'ishma ndaqs bejniethom, u dawk tal-konvenuti Grima jħallsuhom l-atturi.

---

15 Ara *foll.* 47, 48, 79, 93, 94, 146, 144, 314 u 323.

16 L-uniku involviment li kellu l-konvenut appellant Carmelo Grima f'dan kollu – li però ma għandu l-ebda rilevanza għall-għanijiet tal-kawża tallum – hu li kien bigħ l-art li kienu jaħdmu l-atturi lil uħud mill-konvenuti u lil oħrajn.

30. It-terminu mogħti fis-sentenza appellata jibda għaddej millum

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr